# Kommunikazzjoni minn Fuq ghall-isfel

Tony Xuereb

Fl-1987 kien hemm bidla fil-gvern u kif appena il-gvern il-gdid tela' sittax il-jum wara rega fforma il-bord tal-Enemalta u din id-darba halla barra il-haddiem direttur li ma kienx jigi elett imma nnominat mill-Union. Din qajmet biex nghid hekk kwistjonijiet kbar. Il-Union barra li ghamlet process fil-qorti anke haditha fil-73 laqgha tal-ILO. Il-mibki Pawlu Xuereb agent president dak iz-zmien kien dahal bhala medjatur sabiex din il-problema tigi solvuta. Gie deciz li l-haddiem direttur ikun elett. Kont gejt avvicinat mhux biex nohrog jien imma biex naghti pariri forsi lil shabi dwar l-iktar bnieden idejali li hemm fix-shop floor li jista jkun direttur haddiem. F'daqqa wahda sibt ruhi illi ghandi nohrog jien. L-elezzjoni dak iz-zmien ma kienux isiru bhal lum. Il-poplu li ma kienx jaf x'inhu haddiem direttur beda jaqra kuljum fil-gurnali dwar dan is-suggett u dwar rallies li kienu jsiru. Ghalhekk il-kwestjoni serviet billi ghamlet lill-poplu konxju ta xi tfisser partecipazzjoni fil-Bord.

Jiena ma tantx kont nifrekwenta is-sulari tal-management ghaliex kont nahdem fil-generation ghal 27 sena shah. Allura kif gejt fil-Bord Room ridt naghmel biex nghid hekk hbieb godda, u nidra sistemi li jien ma kontx

midhla taghhom. U kif qal tajjeb siehbi Reno il-minuti kont issibhom fuq il-mejda jistennewk biex dawn taqrahom u thallihom f'cupboard. Sintendi l-minuti tpoggihom hemm u ma tohrogomx minn hemm gew. Kull haga li kienet tintqal mill-membri ta' l-Oppozizzjoni kienet tigi bil-cuttings b'kollox quddiem il-bord. U jibda d-diskors li bilfors harget minn hawn gew. Pero jien kont inkun naf x'se jintqal fil-Bord mil-kurituri. Wiehed ma jmurx hemm bhala dilettant U ghalhekk jiena investejt fid-diploma li organizza ic-Centru ghall-Izvilupp tal-Partecipazzjoni tal-Haddiema gewwa l-Universita ta' Malta. Nista nghid illi serviet ta' ghodda kbira f'idejja. Accounts u tenders li kienu affarijiet li ma kontx imdorri fihom permezz ta' dan il-kors stajt nifimhom ahjar.

Praspura ohra li kienet tigri kuljum kienet din li jien kont minn naha tal-'Generation Section' u nahdem bis-shift filghodu filghaxija u bil-lejl. Tispicca minn bil-lejl u trid terga tigi fil-hin li suppost torqod ghal-lejl iehor ghal laqgha tal-bord minn xi 1.00 sal-7.00 p.m. Terga kwazi biex tasal biex tibda x-xift ta' bil-lejl. Kont nispicca nahdem 24 siegha f'gurnata. Forsi xorti tajba wkoll l-impjant li jiena kont fuqu majna u kien jaghmel hafna zmien wieqaf. Ghall-ewwel bdejt li l-iljieli ma naghmilhomx. Sintendi tlift l-allowance ta' bil-lejl. Biex nipprepara ghal bord ma kelliex fejn nikteb ghax ix-xoghol tieghi ma kienx f'xi ufficcju. Allura kont spiccajt illi kelli

xi 9 ufficini li fihom kont insib il-kenn. Kont immur inhabbat kuljum u nsaqsi min hawn bil-leave u min ikun hemm bil-leave niehu id-desk tieghu. Din tant servitni ta' esperjenza u ghalhekk insemmiegha. F'kull rokna illi jiena bdejt immur kont nikkomunika ma dik is-sezzjoni. Ghalija din kienet esperjenza gdida. U bdejt ninduna illi il-problemi huma komuni kullimkien: Nuqqas ta' komunikazzjoni minn fuq ghall isfel. Hassejtni illi qed nitghallem dwar problemi godda u meta nersaq quddiem il-bord jekk ikunu qeghdin jitkellmu fuq sezzjonijiet bhal ta' stores bdejt insib illi dak li qed jghidu mhux dejjem ikun qrib il-verita. Mhux ghax kienu giddibien imma ghax forsi ma jkunux informati daqs kemm inkun informat jien. U din tatni spunt li hemm htiega kbira ta' komunikazzjoni.Ghalhekk tlabt lic-Chairman biex nibghat ittra lill-haddiema kollha biex nghidilhom li jekk kollhom bzonn xi haga jghiduli. Ic-Chairman qalli 'ma tistax taghmilha ghax jekk naghmilha mieghek irrid naghmilha mad-diretturi l-ohra'. Allura kelli nipprintja newsletter jiena minn flusi. Dak iz-zmien il-posta kienet 3c. Biex tibghat elfejn u fuqhom kull xahrejn kienet spiza ghalija. Kont nonfoq flus minn buti. Tant indrat din illi meta kienet ddum ma tohrog ghax forsi ndum ma nfaddal kienu jigu jistaqsuni meta hierga. Qabel tlajt ghall l-ewwel laqgha tal-Bord niftakar li kien hiereg habib tieghi li kien ilu 43 sena jahdem hemmhekk. Konna gbarnilu ghal arlogg bejnietna. Il-membri tal-bord l-anqas kienu jafu illi haddiem wara 43 sena xoghol fl-azjenda kien ser

jirtira . U l-ewwel diskors tieghi fil-bord gbidt l-attenzjoni tal-membri biex lil haddiem jirtira nghidulu grazzi b'xi mod jew iehor. Weghduni illi ser jibdew jaghmlu rikonoxximent. Meta rajt li dan ma sarx ergajt kelli ndahhal idejja fil-but. Jien la stajt naghmel fided u l-anqas deheb. Imma ghamilt forma tal-fuhhar speci ta' platti bl-emblema ta haddiem direttur. Kull Milied kont naghmel ikliet ghall haddiema, l-unika mezz biex inlaqqaghhom, u kont nistieden lill kulhadd. Niehu pjacir nghid li kienu jigu tmien mija (800) minn elfejn haddiem - cifra tajba. Dawk li jirtiraw kienu jkunu mistiednin u kont nipprezentaghlom din l-emblema. Kont tara dmugh niezel minn ghajnejhom ghaliex dawn juruk li din kienet xi haga li ghandha issir. Meta nbidel ic-chairman l-affarijiet nbidlu. Beda johrog magazine u bdew jinghataw rikonoxximent lill-haddiema fil-Milied. Jiena ma xtaqtx illi nisfida u nibqa naghmel l-istess. Allura waqaft ghaliex dak illi xtaqt illi jsir inbeda. U j'alla jibqa jsir.

Il-haddiema jimmaginaw, kif qal tajjeb siehbi, li l-haddiem direttur huwa xi shop steward glorifikat. Din ma jistghux jifmuha. L-ewwelnett m'ghandhomx pacenzja. Daqs kemm jaghmlu zball malajr iridu ir-risposta malajr. Allura l-edukazzjoni hija mportanti. L-istess haddiem direttur ghandu jkollu l-mezzi kollha illi jeduka lill-haddiema. U tedukhom lill-haddiema billi taqdihom bil-mod u l-procedura li hi ghandha tkun. Sibt

haddiem fl-eqqel tax-xemx stirat fuq barkun jixxemmex. Kien jiflah, nahseb jiekol erba' bhali. Ghedtlu "ma tisthix fil-hin tax-xoghol qieghed hawn tixxemmex". Qalli "l-gvern mhux tieghi'. Ghedtlu "alright la l-gvern ikun tieghek x'ser taghmel". Qalli "nitlaq il-barra kif jaghmlu huma". Dan hu karattru ta' persuna illi ma tridx tahdem. Dawn l-iktar illi jigu jippruvaw biex juzaw is-servizz tal-haddiem direttur. Ftit ikunu dawk li jigu biex flimkien jaghtuk idejat dwar x'jista jsir biex l-intrapriza tigi l-l-quddiem. Imma meta nbidel ic-chairman u gie s-Sur Leono Ganado hassejt li ghandi haddiem direttur iehor mieghi fuq ix-xoghol. Dan regolarment jibghat ghalik, u jiddiskuti l-materji bhal ma huma welfare u safety ta' haddiema. Jghidlek "isma jien ha nressaq din per ezempju mal-union. Ara tghidilhomx daqsxejn fuq din jekk ikunx ahjar". Fir-realta meta jkollok l-informazzjoni ezatta inti ma tithabatx bla bzonn fuq dak li ghandek taghmel. Kaz tipiku kien meta kellna haddiem illi fuq kaz ta' dixxiplina kien wasal biex jitkecca. Il-Unions kienu dahlu fiha. Sa kienu fuq il-bord. Anke waqt id-dibattiti li saru. Imma fuq il-bord ikollok nies illi m'humiex minn hemm, ma humiex impjegati tal-Korporazzjoni. Dawn jigu biss ghall laqgha tal-bord. It-taghrif li jkollhom ikun biss it-taghrif illi jigi f'idejhom fil-minuti Imma inti hemmhekk tkun hafna aqwa minn dawk in-nies li jkunu mieghek fuq il-Bord ghaliex inti tkun taf min isfel sa fuq kull persuna u kull oggett illi jkun qieghed jigi diskuss. U bi pjacir nghid illi l-kastig li li kien se

jinghata irnexxili ndawru. Imbghad sintendi dahlu l-unions biex jinnegozjaw bl-ahjar mod xi jrid isir.

Trid tidra wkoll tbati. Jiena bizzejjed nghid li f'diskussjoni partikolari fil-bord fuq kaz ta grupp ta haddiema, tant kont stressjat illi wara l-laqgha kelli nispicca mmur is-CCU u ghamilt 74 gurnata barra mix-xoghol. Pero meta tara il-kuragg tal-haddiema u l-appogg tal-haddiema dan taghmlu u taghmlu bil-qalb. Jiena nghid illi jkun tajjeb ukoll illi jkollna nisa f'postijiet fejn in-numru ta' haddiema nisa huwa numru tajjeb. Jehtieg li jkollna nisa wkoll illi jithajru johorgu biex jirraprezentaw lill shabhom fuq il-bordijiet. Jekk ahna nghallmu lil haddiema li jippartecipaw billi jaghtu l-gurnata tax-xoghol taghhom shiha huwa ferm importanti li ahna nkunu ta' ezempju. Jekk ma nkunux ta ezempju ahna li qeghdin f'ghajnejhom il-hin kollu ikun ghalxejn jekk il-haddiem jghati il-gurnata tax-xoghol. Forsi ghad jigi zmien illi, bhal kooperattivi fil-qasam pubbliku li qeghdin irendu flus ghall-haddiema, il-haddiem jasal ukoll biex ikollu sehem mill-qliegh. Irid ikollu sehem shih mix-xoghol tieghu. Ghad ghandna haddiema illi jiddispjacini nghid illi ma jaghtux il-gurnata tax-xoghol taghhom. Dawn il-haddiema iridu nilhquhom. Jekk il-problem hija wahda socjali hemm il-mezzi kollha biex dan isir. Ghaliex gieli jkollok problemi ta' familja bhal separazzjonijiet taz-zwieg. Dan ma jistax jigi ghax xoghol bl-istess burdata illi jkollu

haddiehor. Dawn ikollna minnhom. Il-haddiem direttur li jaf il-haddiema wiehed wiehed ghandu juza l-mezzi kollha biex jghin halli kull haddiem jaghti s-sehem tieghu. Zgur illi kull min jaghti il-gurnata tax-xoghol ihossu sodisfatt.